Il-kokk ħidmietu bil-lejl: f'dak il-ħin fid-dlam 'il bogħod mill-ħamba ta' l-ibliet kellhom swali taż-żfin u każini tal-logħob mimlija dwal li jgħammxu l-għajnejn — hemm ikun fl-aqwa u fl-aħjar tiegħu. Mill-bqija kollu ta' xejn nittama li, jum fost l-oħrajn tiġi xi kokka u toqgħod tissindikani minn fuq xi ċint jew siġra tal-bitħa tiegħi jiena u naqra jew nikteb xi ħaġa... Karamba!

Jiena ma nafx iżda, jekk ikolli ngħid, m'intomx hafna s-semmiegħa li ħsiltu rajtu kokka ħajja, jekk m'intomx tal anqas kaċċaturi. Qabel ma ħlisna mill-kokka bbalzmata — bħal kieku biex nagħtiha t-tislima ta' l-aħħar — qbadtha f'idejja u qgħadt nifliha daqsxejn. Għajnejha kif ġa għedt impressjonawni u sa llum, bosta żmien wara, dik ħarsitha baqgħet imwaħħla ġol-ġewwieni ta' moħħi bħal xbiha ta' xi ħadd fuq in-negattiva ta' ritratt ... Dawk għajnejha jibbru, jiddu fid-dlam jiena u nitqalleb biex norqod u nistrieħ u jixegħluli moħħi bil-fantasija li nisslet din l-istess kitba.

Minn xi daqqiet inqishom bħad-dawl ta' xi fanali, li għalkemm fil-bogħod sewwa, xorta waħda jidher jixgħel u jqawwi qalb in-nies fuq xi bastiment imħabbat bil-mewġ kbir ta' baħar imqalleb xi ħaġa huwa u jdur mal-Kap ta' Rieda Tajba fl-Afrika fi triqtu lejn l-Ewropa jew il-Lvant Imbiegħed...

Dawl għajnejn il-kokka bħal dak tal-fanal iqawwili qalbi, passiġġier miskin fuq il-mirkeb ta' ħajti mqallba sewwa... Tgħid għalhekk l-istudenti universitarji tagħna għażlu lill kokka bħala għelm tagħhom: ħalli joqogħdu b'għajnejhom miftuħa beraħ għall-kurrenti tat-tagħlim li għad jiswa lilhom f'ħajjithom u lil ħaddieħor? Kollox jista' jkun, ma nafx... Ma' l-istudenti mhux għalkemm wieħed ikun jaf fejn hu... Anqas ma' kokka...

— o —

# Nifirħu

Nifirħu lill-Onor. Dr. Anton Buttigieg għat-trofew tal fidda li t-traduzzjonijiet ta' għażla mill-poeżiji tiegħu bit-Taljan fil ktieb "Il Mare di Malta" rebħu dan l-aħħar.

Dan it-trofew kien mogħti miċ-Circolo Culturale "Rhegium Julii" ta' Reggio Calabria u Dr. Buttigieg kien wieħed fost 89 konkorrenti kittieba ta' poeżija lirika maħruġa fl-1973.

Nifirħu wkoll lill-familja ta' Albert M. Cassola għall-premju letterarju fil-'Concorso Naziinale di Poesia' organiżżat mill-'Assoċiazione Culturale' ta' Chiaravalle fl-Italia bil-poeżija "Feliċità" li bagħat Albert ftit qabel ma miet. Din il-poeżija ngħażlet fost 200 konkorrent mill-Italia kollha. Arnold Cassola, bin il-poeta, irċieva l-premju f'isem missieru.

Poeżiji ta'
JANE CORTIS

# Irjieħ

X'inhu
li rikeb l-irjieħ il-lejla?
Min
qiegħed jagħżaq bl-istaffi tal-ġenn
ġo ruħ imċarrta
tkarwat maħruba
ilment li jreżżaħ
jinġazza d-demm?

X'inhu
li jsuqkom il-lejla?
x'qilla?
x'setgħa li tiassar bis-swat
kaxkritni
għammditni
ġarritni
ippnotizzata minn nifskom ħakkiemi
jaqta'
u jniggeż bħal blat?

U issa, fis-seħer,
inħossni xejn inqas minn ċentawr
ilebbet 'il fuq, 'il fuq,
fil-mistiku ta' l-Apokalissi;
Jew
l-Anġlu li jsuq ix-xafra tnixxi d-dmija
lil hinn
lejn piramidi jidwu fid-daħna għanbrija
bl-ispirti misruqa
li darba raw id-demm ifur
u jġelben daqs in-Nil
f'triqat ramlija.

25/2/73

— o —